**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 4 ta' April 2023**

**Talba numru 289/2022SFJ**

**Numru 11**

**GEORGE FENECH U MARTHESE SIVE MARIA THERESA FENECH**
***vs.***
**JOSEPH FENECH**

**It-Tribunal:**

Ra l-avviż tat-talba ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallashom elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti ammont misluf minnhom lilu *brevi manu* li huwa kien diġà wiegħed li jirripaga lilhom;

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fid-9 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha ntqal:

- Illi ma kienx minnu li ġew mislufin xi flejjes; u
- Li meta kienu mislufin xi flejjes, dawn tħallsu lura;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 ta' April 2023.

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

L-attur George Fenech xehed li darba fost l-oħrajn, ħuh (il-konvenut) avviċinah u talbu jisilfu s-somma ta' elfejn Ewro. Wara li George Fenech iddiskuta t-talba ma' martu, dawn qablu li jisilfu lill-konvenut is-somma relattiva. L-attriċi ġabet l-ammont relattiv mill-kont bankarju tagħha ma' Lombard Bank Malta plc nhar it-8 ta' Novembru 2019 (ara d-dokument GF1 a fol. 79) u skont l-attur u martu, l-ammont ġie mgħoddi lil-konvenut. L-attur qal li ma saritx skrittura rigward dan is-self.

L-attur kompla jispjega li madwar tlettax-il xahar qabel, ħuh kien ukoll talbu xi flus iżda qatt ma ħallas, iżda fir-rigward ta' dak id-dejn kienet saret skrittura quddiem nutar. L-attur ippreċiża li kien biss l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża li kien għadu pendenti, u li d-dejn l-ieħor kien inqata'.

L-attriċi kkonfermat il-verżjoni ta' żewġha.

Il-konvenut Joseph Fenech xehed u ppreżenta d-dokument JF1, li huwa kopja (u mhux kopja awtentikata) ta' skrittura redatta min-Nutar Dr Dorianne Arapa datata 12 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha huwa kien ikkostitwixxa ruħu debitur tal-attur George Fenech fl-ammont ta' €4,348.

Fir-rigward tad-debitu ggvernat mill-iskrittura tat-12 ta' Jannar 2022, hemm riċevuta datata 23 ta' Awwissu 2022 li tindika li dik is-somma tħallset lura kollha lill-atturi. **It-Tribunal jagħmilha ċara li din ir-riċevuta (dokument JF2) tirreferi <u>biss</u> għall-ammont iggvernat mill-iskrittura tat-12 ta' Jannar 2022, u tgħid li huwa biss l-ammont ta' €4,348 li kien ġie ripagat. Ir-riċevuta <u>ma tgħidx</u> li m'hemmx djun oħrajn.**

Għalhekk, it-Tribunal jifhem li l-kawża odjerna tirrigwarda self ieħor **minbarra** dak iggvernat bl-iskrittura tat-12 ta' Jannar 2022, għax dak tal-iskrittura tat-12 ta' Jannar 2022 issa nqata'. Din il-kawża tirrigwarda episodju ieħor ta' self, kompletament separat.

Huwa evidenti mill-atti – kemm mill-*withdrawal* tal-fondi tat-8 ta' Novembru 2019 kif ukoll mid-dokument JF3 – li l-episodju ta' self li jifforma l-mertu tal-kawża odjerna huwa **eqdem** mis-self iggvernat bl-iskrittura tat-12 ta' Jannar 2022.

Il-konvenut xehed in eżami nhar il-21 ta' Frar 2023 u ċaħad li ġie misluf elfejn Ewro mill-atturi – ċioè ċaħad li ġie misluf elfejn Ewro mill-atturi fi żmien **qabel** ma' imbagħad ġie misluf €4,348, liema ammont issir referenza għalih fl-iskrittura tat-12 ta' Jannar 2022.

Essenzjalment, id-difiża tal-konvenut hija li ladarba ma kienx hemm skrittura, kien daqslikieku s-self ta' elfejn Ewro ma sar qatt.

It-Tribunal jikkunsidra li fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, kemm-il darba l-atturi jirnexxielhom jippruvaw l-eżistenza tad-debitu, il-piż tal-prova joxxilla u mbagħad jinkombi fuq il-konvenut li jipprova li sar il-ħlas. Matul ix-xhieda tiegħu, il-konvenut ċaħad li ġie misluf l-ammont relattiv.

Fil-fehma tat-Tribunal, Joseph Fenech kien ferm evażiv. Meta mistoqsi mill-avukat tal-atturi jekk kienx hemm somma oħra mislufa lilu minbarra l-ammont ta' €4,348, huwa qal: "*Jien m'għandi ebda kuntratt ieħor.*"

Magħfus sabiex jikkonferma jekk dan kienx ifisser li ladarba ma kienx hemm ftehim bil-miktub kien ifisser li ma kienx debitur ta' ħuh, il-konvenut wieġeb: "*Kulħadd jista' jgħid hux, b'ħalqu kulħadd jista' jgħid li jrid.*"

It-Tribunal jemmen li Joseph Fenech straħ fuq il-fatt li ma kienx hemm skrittura sabiex jipprova jaħrab l-obbligu tal-ħlas. Dan jidher ċar mir-risposti evażivi tiegħu. L-ewwel qal li ma kien hemm ebda kuntratt, imbagħad qal li bil-fomm, kulħadd seta' jallega dak li jrid. Kien biss mat-tielet jew mar-raba' tentattiv li Joseph Fenech qal ċar, bil-ġurament tiegħu, li ma kienx ġie misluf l-ammont ta' elfejn Ewro minn ħuh.

Kieku wieħed kellu jemmen il-verżjoni tal-konvenut, ikun ifisser li darba fost l-oħrajn, għal ebda raġuni ħlief biex jgħaddu ftit tal-ħin, l-atturi ħolmu bil-konvenut u ħolmu li jivvintaw kreditu allegatament dovut lilhom biex jgħaddu lill-konvenut minn martirju ta' proċeduri legali għal ebda raġuni valida. Il-konvenut, pereżempju, ma ċaħadx l-eżistenza tal-mandati ta' sekwestru ppreżentati u lanqas ċaħad li fil-passat kellu problemi finanzjarji. Għalkemm din mhijiex prova diretta, din il-prova timmilita favur it-teżi li l-konvenut kellu aktar għaliex ikun propens jipprova jissellef il-flus, u dan in vista tal-problemi finanzjarji kkawżati lilu permezz tal-mandati eżekuttivi *in vigore* kontrih.

Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jagħżel li jemmen lill-atturi u konsegwentement ser jilqa' t-talbiet tagħhom.

## <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut; u

ii. Jilqa' t-talbiet tal-atturi *in toto* u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) lill-atturi, bl-imgħax kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima skont il-liġi u dekorribbli mit-8 ta' Novembru 2019

(jiġifieri d-data meta Maria Theresa Fenech ġibdet l-ammont relattiv mill-kont bankarju ma' Lombard Bank Malta plc) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**